## *Nimxu u nitgħallmu*

M'ilux wisq morna 'fieldwork' mal-għalliem tax-Xjenza – s-Sur Gatt. Hu ħadna mixja twila minn Kerċem għall-Għadira u spiċċajna d-Dwejra.





Fl-Għadira ta' San Raflu rajna diversi annimali bħal fkieren u papri. L-għalliem fehemna li dawn tefgħuhom hemm in-nies u għalhekk dawn m'humiex naturali tal-post. Rajna żrinġijiet u gremxul u bebbux ukoll u l-għalliem qalilna li dawn jagħmlu parti mill-fawna Maltija għax twieldu u kibru hemmhekk.





Matul il-mixja lejn id-Dwejra l-għalliem spjegalna u wriena l-flora Maltija. Il-flora huma pjanti jew fjuri selvaġġi li kibru fil-gżejjer maltin mingħajr ma ħawwilhom ħadd. Eżempju ta' dawn huma s-silla, basal tal-għansar, bużbież, likeni, orkida, ingliża u oħrajn. Qrib id-Dwejra hemm il-pjanta Sempreviva. Dawn il-fjuri ma jinxfux u jkunu dejjem sbieħ.

Mal-passaġġi lejn id-Dwejra rajna rdumijiet u veduti mill-isbaħ tal-pajsaġġ Malti fi żmien ix-Xitwa. Rajna wkoll Tempju Puniku ta' żmien ir-Rumani lejn Ras il-Wardija li qed tiġrilu ħsara kbira minħabba l-melħ tal-baħar u r-riħ.





Fil-blat rajna fossili li jfissru li xi darba fi żmien twil ilu l-gżejjer tagħna kienu taħt il-baħar. L-għalliem uriena l-ġebla tal-Ġeneral u t-tieqa tad-Dwejra. Rajna l-Crocodile Rock mill-boghod u mill-qrib, kif ukoll is-saffi differenti tal-ġebla Maltija minn Wied il-Kbir.



Fit-torri tad-Dwejra użajna l-Anemometru, l-Pinnur u l-kumpass kif ukoll rajna vidjow fuq il-ħajja ta' taħt il-baħar tad-Dwejra.



F'tal-Qattara rajna gremxul, bebbux, bużbież u tipi ta' xewk differenti. L-ilma hemm dejjem iqattar u jifforma għadira żgħira.



Din il-ġurnata kienet waħda nteressanti u divertenti ferm għalija u nispera li fil-futur jerġa' jkollna ħarġiet simili ta' din ix-xorta.

Stampi minn:

http://www.euroherp.com/Resources/Trips/up/227-1282650863.jpg

http://www.maltawildplants.com/RTDI/Glebionis_coronaria_files/mht3D3E(1).tmp

http://botanicavirtual.udl.es/fam/asteracies/ima/helichrysum_stoechas_tr_sm.jpg

http://3.bp.blogspot.com/_k9-y0RjTf34/S_rpiey5GoI/AAAAAAAAF_Y/7KsyZbCmpUI/s1600/Scutella+Bed+in+Lower+Coralline+Limestone,+Paceville+24.VIII.2009.JPG